

— il-konvenut żbalja meta kkonkluda li l-kundizzjonijiet tal-Artikolu 8(5) tar-Regolament Nru 207/2009 kienu ssodisfatti.

Rikors ippreżentat fit-23 ta' Frar 2016 – Codorníu vs EUIPO – Bodegas Altun (ANA DE ALTUN)**(Kawża T-86/16)**

(2016/C 136/55)

*Lingwa tar-rikors: l-Ispanjol***Partijiet**

Rikorrenti: Codorníu SA (Esplugues de Llobregat, Spanja) (rappreżentanti: M. Ceballos Rodríguez u J. Güell Serra, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Bodegas Altun, SL (Baños de Ebro, Spanja)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Applikant għat-trade mark ikkонтestata: il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

Trade mark ikkонтestata kkonċernata: trade mark tal-Unjoni Ewropea figurattiva li tinkludi l-elementi verbali “ANA DE ALTUN” – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 11 860 913

Proċedimenti quddiem l-UASI: proċedimenti ta' oppożizzjoni

Deċiżjoni kkontestata: deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tad-9 ta' Diċembru 2015 fil-Każ R 199/2015-2

Talbiet

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-EUIPO u lill-parti l-oħra, jekk tintervjeni.

Motiv invokat

- Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) u (5) kif ukoll tal-Artikoli 75 u 76 tar-Regolament Nru 207/2009.

Rikors ippreżentat fis-26 ta' Frar 2016 – Eurofast vs Il-Kummissjoni**(Kawża T-87/16)**

(2016/C 136/56)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż***Partijiet**

Rikorrenti: Eurofast SARL (Pariġi, Franza) (rappreżentant: S. A. Pappas, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

- tannulla d-deċiżjoni ta' kumpens tas-17 ta' Diċembru 2015 tal-Kummissjoni;
- tiddikjara li l-kreditu li l-Kummissjoni tallega li żżomm fir-rigward ta' Eurofast, skont il-kuntratt ASSET, huwa infondat;
- tiddikjara li l-ispejjeż kollha magħmula fuq il-proġett ASSET, jiġifieri EUR 507 574 huma eliġibbli u li l-Kummissjoni tikkonferma l-leġittimità tal-finanzjament, kif speċifikat mill-Grant Agreement, jiġifieri EUR 365 639;
- tordna lill-Kummissjoni li twettaq il-ħlas tas-somma ta' EUR 69 923,68 skont il-kuntrat EKSISTENZ flimkien mal-interessi moratorji;
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ħlas tal-kumpens kuntrattwali;
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors, ir-rikorrenti tinvoka żewġ motivi, rispettivament invokati insostenn tat-talba tagħha għall-annullament tad-deċiżjoni ta' kumpens li tinsab fl-ittra tal-Kummissjoni tas-17 ta' Diċembru 2015 u tat-talba tagħha għall-konstatazzjoni tal-ineżiżtenza tal-kreditu kuntrattwali inkwistjoni.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq il-ksur tal-Artikoli 78 u 80 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-25 ta' Ottubru 2012, dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002, tal-Artikolu II.21 tal-FP7 Grant agreement, Annex II – General conditions, tal-prinċipju ta' bona fide tal-Artikolu 1134 tal-kodiċi ċivili Belġjan (Code civil belge) kif ukoll tal-prinċipji ta' aspettattivi leġittimi u ta' ċertezza legali.
2. It-tieni motiv ibbażat fuq il-ksur tar-regoli kuntrattwali tal-Kundizzjonijiet ġenerali tal-kuntratt ta' sussidju ASSET u fuq żball manifest ta' evalwazzjoni tar-regoli relatati mal-ispejjeż eliġibbli.

Rikors ippreżentat fis-26 ta' Frar 2016 – Opko Ireland Global Holdings vs EUIPO – Teva Pharmaceutical Industries (ALPHAREN)

(Kawża T-88/16)

(2016/C 136/57)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Opko Ireland Global Holdings Ltd (Dublin, l-Irlanda) (rappreżentanti: S. Malynicz, Barrister, A. Smith and D. Meale, Solicitors)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Teva Pharmaceutical Industries Ltd (Jerusalem, l-Iżrael)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-UASI

Applikant għat-trade mark ikkонтestata: ir-rikorrent